MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tat-13 ta' April 2016

Talba Numru: 691/2015

Numru fuq il-Lista: 17

**GO p.l.c.**
(C22334)

**vs.**

**Novoa Del Campo Aldo Fabio**
K.I. 58670(A)

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-1 ta' Settembru 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' sitt mija u erbgħa u erbgħin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€644.39), liema

ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru A/C40152309, mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' sitt mija u erbgħa u erbgħin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€644.39), bl-imgħax legali dekorribbli mit-2 ta' Mejju 2014, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u nnumerata 792/14, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur